**29 ta' Mejju, 1964**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can, LL.D.**

Benjamin Sultana

versus

Giuseppe Sammut

*L-Art. 814 (d) Kodiċi Proċedura jagħmel riferenza għall-art. 742(a) ta' l-istess Kodiċi, billi espressament jgħid li, biex il kawża tkun ritrattabili, is-sentenza trid tkun ġiet mogħtija min Qorti inkompetenti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni.*

**BOARD TAL-KERA — RITRATTAZZJONI — ART. 814 (d) KODIĊI TAL-PROCEDURA.**

Il-Qorti, Rat il-libell tal-imsemmi Sammut li bih talab ir-revoka tas-sentenza tal-Bord li jirregola l-Kera fl-ismijiet fuq riferit tal-għaxra (10) ta' Settembru, 1963, peress illi l-istess hija soġġetta għal ritrattazzjoni in bażi tal-artikolu 814, (b) (d) (e) u (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u li l-istess kawża tiġi ritrattata u jiġi deċis għal riġett tat-talba tar-rikorrent, u dana fuq il-motivi illi l-libellant ma kienx regolarment notifikat meta ġiet deċiża l-kawża, fuq il-motiv li fiha hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, u, inoltre li dak il-Board iddeċieda "ultra petita";

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Sultana:

Rat is-sentenza tal-"Board" fuq imsemmi tal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 1964, li biha t-talba ġiet milqugħa u s-sentenza impunjata ġiet revokata u ġie ordnat li il-kawża tiġi ritrattata fil-meritu u d-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż ġiet riservata għas-sentenza finali — wara li dak il-"Board" ikkunsidra.

Illi bir-rikors numru 264 tal-1963, l-imsemmi Sultana talab li jieħu lura l-fond 16, Annibale Preca Street, Lija, li hu mikri lill-libellant u li tiegħu il-kera jiskadi fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963, billi ġie allegat li l-libellant kien qed jagħmel użu divers mill-fond minn dak li għalih kien ġie mikri;

Illi dak ir-rikors kien ġie appuntat għat-tlieta u għox-

rin (23) ta' Lulju, 1963. Dik in nhar il-libellant ma kienx deher; pero, billi fil-lista tal-kawżi l-isem tal-libellant kien indikat żbaljat, il-Board iddifferixxa l-kawża għall-għaxra (10) ta' Settembru, 1963, u dik in-nhar, billi l-libellant reġa ma deherx, il-kawża ġiet deċiża u kontumaċja skond l-artikolu 31 tal-Kap. 109, u ġiet akkolta t-talba tal-imsemmi Sultana, u l-libellant ġie kundannat jiżgombra l-fond fi żmien xahar, bl-ispejjeż;

Illi għalhekk b'dik is-sentenza, peress illi t-talba firrikors kienet fis-sens testwali "l-esponent umilment jitlob li dana l-Bord jogħġbu jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond lilu mikri," u bl-istess sentenza ġiet akkolta id-domanda, u l-intimat ġie kundannat jiżgombra l-fond sal-għaxra (10) ta' Ottubru, 1963, mentri l-kera kien jagħlaq fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963, jiġi illi dan il-Bord iddeċieda x-xoljiment ta' lokazjoni in korso, u għalhekk eċċeda l-ġurisdizjoni tiegħu, li fil-każ simili hija limitata għall-poter li jawtorizza ripresa ta' possess ta' fond mikri meta tagħlaq il-lokazjoni; u kif ġie ripetutament ritenut, il-Board ma hux kompetenti biex jikkomina dekadenzi;

Illi għalhekk b'dik is-sentenza il-Board eċċeda l-ġurisdizjoni tiegħu, u dik is-sentenza, kif ġiet formulata, jiġi li ġiet mogħtija minn tribunal illi ma kellux ġurisdizjoni jiddeċiedi kif, iddeċieda, u dan huwa motiv ta' ritrattazjoni skond l-art. 814(d) fuq ċitat;

Illi in vista tal-konklużjoni li għaliha wasal dan il-Board ma hemmx lok li jiġu nvestiti l-motivi l-oħra addotti mil-libellant;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Benjamin Sultana li bih talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata

billi tiġi miċħuda t-talba avanżata bil-libell, bl-ispejjeż, taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat li talab, l-ewwelnett, illi l-appell jiġi dikjarat irritu u null billi ma ġiet prodotta l-ebda garanzija għall-ħlas ta' l-ispejjeż, imbgħad, li, previja ċaħda ta' l-appell, is-sentenza denunċjata tiġi konfermata, u, in subordine, li l-kawża tiġi rinvjata lill-"Board" fuq imsemmi biex jiġu trattati u deċiżi il-motivi l-oħra ta' ritrattazjoni, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota li biha l-appellat iddikjara li ma jinsistix fuq l-ewwel eċċezjoni dwar il-garanzia għall-ispejjeż ta' l-appell, minnu sollevata fir-risposta għar-rikors ta' l-appellant;

Semgħat lid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Il-motivi ta' aggravju li l-appellant jadduċi kontra s-sentenza impunjata huma tnejn:

Li ma setgħax tingħata ritrattazjoni tas-sentenza tal-għaxra (10) ta' Settembru, 1963, għaliex ma tirrikorri l-ebda waħda mir-raġunijiet li għalihom skond il-liġi kawża tista tiġi ritratta, billi fis-sentenza pronunċjata f'dik il-kawża ma kienx hemm bżonn, semmai, ħlief li jiġi kjarit min meta kellu jibda jiddekorri ż-żmien stabbilit għall-iżgumbrament tal-fond, dak li skond il-liġi kellu jsir mill-istess "Board" bil-proċedura traċċjata fl-artikolu 828 (2) tal-Kodiċi tal-proċedura ċivili; liema kjarifikazjoni del resto — jgħid l-appellant — lanqas ma kienet

meħtieġa l-interpretazjoni loġikament magħmula in buona fede;

Li l-appellat lanqas ma kellu d-dritt jagħmel talba għar-ritrattazjoni tal-kawża billi baqa kontumaċi, u anke għaliex ir-ritrattazzjoni hu rimedju straordinarju li ma jistax jiġi applikat meta min jitolbu kellu r-rimedju ordinarju ta' l-appell.

L'appellat irrisponda:

Li kien l-istess appellant li ta' lis-sentenza appellata interpretazjoni diversa minn dik li hu ikkwalifika bħala "loġika u ta' buona fede" billi, kif għadda ix-xahar mill-pronunzjament tas-sentenza, talab u ottiena l-ispedizjoni ta' mandat ta' żgumbrament tal-fond kontra l-appellat;

Li una volta li jirrikorru raġunijiet għar-ritrattazjoni tal-kawża, hu inutili li l-appellant jappilja ruħu għall-presunta kontumaċja billi dina hi kontestazjoni, u ma setgħax wieħed jippresumi li bil-kontumaċja l-intimat seta qatt aderixxa għax-xoljiment tal-lokazjoni, li lanqas ma kien ġie mitlub;

Li s-sentenza li minna hemm dan l-appell ma ikkonsideratx u ma irrisolvitx il-motivi kollha addotti fil-libell in sostenn tat-talba għar-ritrattazjoni tal-kawża u għalhekk, fil-każ li din il-Qorti tasal biex tirritieni li il-motiv li fuqu t-talba għar-ritrattazjoni tal-kawża ġiet milqugħa mhux bażat fil-liġi, għanda tirrinvija l-atti lil "Board" fuq imsemmi biex jiddeċiedi wkoll fuq il-motivi l'oħra indikata fil-libell.

Ikkunsidrat:

Illi, apparti dak kollu li l'appellant issottometta in sostenn ta' l-appell tiegħu u dak li l-appellat irrileva fir-risposti relativi, hu fatt li il-"Board" fuq imsemmi, fis-sentenza denunċjata, irritiena illi s-sentenza msemmija fil-libell hi ritrattabili għall-motiv li mhux rikonoxxut mil-liġi; u, inveru il-"Board" afferma li dik is-sentenza hi ritrattabili skond l'artikolu 814 (d) tal-Kodiċi tal-proċedura ċivili in kwantu l-istess "Board", li kien ippronunċja, eċċeda il-ġjurisdizjoni tiegħu billi iddeċieda x-xoljiment ta' lokazjoni in korso fil-waqt li l-poter tiegħu, f'każ simili, hu limitat li jawtorizza ir-ripresa tal-pussess tal-fond mikri meta tagħlaq il-lokazzjoni u mhux li jikkommina dekadenza. Issa, l'artikolu 814 (d) tal-kodiċi ċitat — li jagħti ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazjoni jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija min Qorti inkompetenti — jgħamel riferenza għall-artikolu 742 (a) ta' l-istess kodiċi ċitat, billi espressament għid li, biex il-kawża tkun ritrattabili, is-sentenza trid tkun ġiet mogħtija min Qorti inkompetenti minħabba nuqqas ta' ġjurisdizjoni kif imsemmi fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 742," iżda l'artikolu 742, fl-ittra (a), jikkontempla il-każ "meta il-kawża ma tkunx ta' ġjurisdizjoni tal-Qrati tal-Gżira ta' Malta u l-Gżejjer li jgħamlu magħha" u mhux il-każ, ravvisat mil "Board" meta għalkemm ta' ġjurisdizjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer, il-kawża tinġieb quddiem tribunal divers minn dak li għandu jieħu konjizzjoni tagħha, każ li għalhekk mhux kompriż fl-artikolu 814(d) ċitat fis-sentenza denunċjata.

Għaldaqstant, u peress li il-"Board", in vista tal-konklusjoni minnu raġġjunta fis-sentenza li minnha hemm appell, ma ħax konjizjoni tal-motivi l-oħra ta' ritrattazjoni li ġew addotti fil-libell:

Tirrevoka l-imsemmija sentenza minnu mogħtija fil-

wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 1964, u tordna li l-atti tal-kawża jiġu rinvjati lilu biex l-istess tiġi deċiża anki in bażi għall-imsemmijin motivi l-oħra indikati fil-libell.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mil-kontendenti nofs kull wieħed.